Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1302

2.7.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1302**

**tas-17 ta' Ġunju 2025**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kunsill ta' Sħubija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni" jew "il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 ([1]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021, wara li kien ilu japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021.

(2) Skont l-Artikolu 519(b) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit skont il-Ftehim jista' jadotta deċiżjonijiet biex joħroġ interpretazzjonijiet dwar id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Parti tal-Ftehim.

(3) F'konformità mal-Artikolu 331(2) tal-Ftehim, bejn l-1 ta' Lulju 2026 u l-31 ta' Diċembru 2026, il-Kunsill ta' Sħubija jista' jiddeċiedi li jestendi l-applikazzjoni tat-Titolu VIII sal-31 ta' Marzu 2027.

(4) Il-Kunsill ta' Sħubija għandu jadotta fil-laqgħa li jmiss tiegħu jew permezz ta' proċedura bil-miktub deċiżjoni li tinterpreta u timplimenta l-Artikolu 331(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Sħubija rigward l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 331(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 331(2) ta' dak il-Ftehim, hija stabbilita fl-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/689/oj).

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta' Ġunju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. HENNIG-KLOSKA

*ABBOZZ*

# DEĊIŻJONI Nru 2/2025 TAL-KUNSILL TAS-SĦUBIJA STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MIN-NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA

**ta' …**

**li tagħti l-interpretazzjoni tal-Artikolu 331(2) u li testendi l-applikazzjoni tat-Tieni Parti, l-Ewwel Intestatura, it-Titolu VIII dwar l-enerġija, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TA' SżĦUBIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 519(b) u Artikolu 331(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 331(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, it-Tieni Parti, l-Ewwel Intestatura, it-Titolu VIII ta' dak il-Ftehim ("it-Titolu VIII") għandu jieqaf japplika fit-30 ta' Ġunju 2026.

(2) F'konformità mal-Artikolu 331(2) tal-Ftehim, bejn l-1 ta' Lulju 2026 u l-31 ta' Diċembru 2026, il-Kunsill ta' Sħubija jista' jiddeċiedi li jestendi l-applikazzjoni tat-Titolu VIII sal-31 ta' Marzu 2027.

(3) Sitwazzjoni fejn il-Kunsill ta' Sħubija jista' jadotta deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-applikazzjoni tat-Titolu VIII ladarba t-Titolu VIII ma jkunx baqa' japplika biss, u li tista' twassal għal interruzzjoni fl-applikazzjoni tat-Titolu VIII u b'hekk għal inċertezza fir-rigward tal-qafas legali applikabbli għall-kummerċ u għall-investiment bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit fl-oqsma tal-enerġija u tal-materja prima.

(4) Għalhekk, biex jiġu pprovduti ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà, huwa xieraq li tiġi adottata deċiżjoni li tinterpreta l-Artikolu 331(2) tal-Ftehim fis-sens li deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija dwar l-estensjoni tal-applikazzjoni tat-Titolu VIII sal-31 ta' Marzu 2027 tista' tiġi adottata qabel l-1 ta' Lulju 2026, dment li tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2026 biss.

(5) L-objettivi tat-Titolu VIII huma li jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investiment bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit fis-setturi tal-enerġija u tal-materja prima, u li jappoġġaw is-sigurtà tal-provvista u tas-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari billi jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'dawk l-oqsma.

(6) Biex jintlaħqu l-objettivi tat-Titolu VIII huwa xieraq, kemm għall-Unjoni Ewropea u kemm għar-Renju Unit, li jkomplu bil-kooperazzjoni ta' bejniethom dwar l-enerġija permezz tal-applikazzjoni tat-Titolu VIII.

(7) Il-partijiet ikkonċernati fl-enerġija jenħtieġ li jkollhom qafas legali stabbli u prevedibbli biex ikomplu b'din il-kooperazzjoni li tiffaċilita n-negozju u tiżgura l-istabbiltà tas-suq.

(8) Għalhekk huwa xieraq li tiġi adottata deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tat-Titolu VIII sal-31 ta' Marzu 2027.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 331(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-applikazzjoni tat-Tieni Parti, l-Ewwel Intestatura, it-Titolu VIII tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, sal-31 ta' Marzu 2027 tista' tiġi adottata qabel l-1 ta' Lulju 2026, dment li tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2026 biss.

*Artikolu 2*

L-applikazzjoni tat-Tieni Parti, l-Ewwel Intestatura, it-Titolu VIII tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandha tiġi estiża sal-31 ta' Marzu 2027.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

L-Artikolu 2 għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2026.

Magħmul fi Brussell u Londra, … 2025.

*Għall-Kunsill ta' Sħubija*

*Il-Kopresidenti*

*Maroš* ŠEFČOVIČ

*Nick* THOMAS-SYMONDS